



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2010 (26.10)
(OR. en)**

15358/10

**COSI 69
ENFOPOL 298
CRIMORG 185
ENFOCUSTOM 94**

NOTA

Minn:	Presidenza
Lil:	Kunsill
Nru dok. preċ.	14998/10 COSI 67 ENFOPOL 286 CRIMORG 178 ENFOCUSTOM 89
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja

1. Il-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) fil-5 ta' Ottubru 2010 qabel li jstabbilixxi ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja u jiddefinixxi l-passi differenti meħtieġa biex dan jiġi implimentat bis-sħiħ.
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Ottubru 2010, il-Coreper approva l-abbozz relatat ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 14998/10 COSI 67 ENFOPOL 286 CRIMORG 178 ENFOCUSTOM 89.
3. Għalhekk il-Kunsill huwa mistieden japprova l-Konklużjonijiet kif jinsabu hawn taħt u b'mod partikolari jieħu nota tar-rwol tiegħu fiċ-ċiklu, jiġifieri jieħu deċiżjoni politika dwar il-prijoritajiet tal-ĠAI rigward il-kriminalità.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JIRREFERI GĦALL-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2005¹ dwar il-Mudell Ewropew ta' Intelligence Kriminali (ECIM) li jipprevedi kunċett u metodoloġija komuni u ġdida biex tiġi ttrattata l-kriminalità organizzata;

WAQT LI JIRREFERI GĦALL-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Arkitettura tas-Sigurtà Interna kif approvati fl-2006 li fihom huwa spjegat l-istabbiliment ta' qafas ta' referenza għas-sigurtà interna tal-UE li jikkonsisti minn erba' stadji²;

WAQT LI JFAKKAR li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jipprovdi l-bażi u opportunità unika għall-iżvilupp ta' aġenda ta' sigurtà kondiviża mill-UE u l-Istati Membri tagħha bi rwoli u responsabbiltajiet ċari.

WAQT LI JFAKKAR li fil-programm ta' Stokkolma³, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiddefinixxu Strateġija komprensiva ta' Sigurtà Interna tal-UE bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipji li ġejjin:

- *ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, li tirrifletti viżjoni kondiviża tal-isfidi ta' llum,*
- *solidarjetà bejn l-Istati Membri,*
- *riflessjoni ta' approċċ proattiv u ggwidat mill-intelligence,*
- *kooperazzjoni stretta bejn l-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż it-titjib ulterjuri tal-iskambju ta' informazzjoni tagħhom,*
- *l-għan li ċ-ċittadini jsiru konxji tal-importanza tal-ħidma tal-Unjoni biex tiprotegħhom*

u bbażata fuq il-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE kif affermat mill-ġdid fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

¹ Dok. 10180/4/05 CRIMORG 56 ENFOPOL 75

² Dok. 7039/2/06 JAI 86 CATS 34

³ ĠU C 115, 11.5.2010, p. 1

WAQT LI JFAKKAR li, kif stabbilit fil-Programm ta' Stokkolma, l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għandha ssir waħda mill-kompiti prijoritarji tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) stabbilit taħt l-Artikolu 71 tat-TFUE;

WAQT LI JFAKKAR li fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex:

- *jadottaw strateġija għall-kriminalità organizzata, fil-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna,*
- *jstabbilixxu l-prijoritajiet tagħha fil-politika tal-kriminalità bl-identifikazzjoni tat-tipi ta' kriminalità, li kontribom ser jiġu skjerati l-għodod li ġew żviluppati, filwaqt li jitkompla l-użu tar-Rapport dwar il-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Organizzata (OCTA) u l-verżjonijiet reġjonali tiegħu;*

WAQT LI JFAKKAR li t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u serja, iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità transkonfinali, il-vjolenza nnifisha, id-diżastri naturali u dawk ikkaġunati mill-bniedem jitqiesu bħala sfidi ewlenin għall-Unjoni Ewropea kif identifikati mill-Istrateġija ta' Sigurtà Interna li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fil-25 u s-26 ta' Marzu 2010.

WAQT LI JFAKKAR li skont l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna l-Kummissjoni ser tadotta Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna, li s-segwitu tagħha jkun jeħtieġ jiġi allinjat mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill attwali.

WAQT LI JFAKKAR li, kif stabbilit fil-Programm ta' Stokkolma, "l-istrateġija ta' sigurtà interna għandha tiegħu wkoll kont tal-istrateġija tas-sigurtà esterna żviluppata mill-Unjoni"; għandu wkoll jittieħed kont tal-impatt li ċ-ċiklu ta' politika jista' jkollu fuq ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

WAQT LI JINNOTA r-riżultat tal-proġett "Armonija" - "Mudell ġeneriku Ewropew ta' Intelligence Kriminali - Inġibu flimkien l-istrumenti eżistenti u nsaħħu r-rwol ċentrali tal-Europol" inizjat mill-Belġju bl-appoġġ tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija tal-Kummissjoni Ewropea "Prevenzjoni mill-Kriminalità u l-ġlieda kontra"^{1 2}.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-isfidi ewlenin identifikati mill-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, l-iffokar tal-proġett għall-ewwel ġie limitat għall-iżvilupp ta' ċiklu ta' politika għall-kriminalità organizzata u serja.

WAQT LI JIRREFERI għall-ewwel rapport prinċipali ta' valutazzjoni u deskrizzjoni għal dibattitu intern (ir-Rapport M.A.D.R.I.D.), li ġie ppreżentat bħala bażi għad-diskussjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà interna f'Ġunju 2010.

WAQT LI JIEĦU KONT li fil-15 ta' Lulju 2010 il-Ministri qablu li jaħdmu għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u għalhekk talbu lill-COSI jżviluppa metodoloġija li tagħti ħarsa ġenerali tal-kwistjonijiet ta' sigurtà fl-Ewropa, biex jiffokaw fuq dawk it-theddidiet u l-isfidi li jeħtieġu attenzjoni speċifika u biex jżviluppaw approċċ biex dawn it-theddidiet u l-isfidi jiġu ttrattati u sorveljati;

KONXJU tal-ħtieġa li l-istrutturi u l-istrumenti eżistenti jiġu aktar żviluppati u ssimplifikati u WAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' approċċ koerenti, multidixxiplinari u integrat sabiex jiżdiedu l-konsistenza, l-effiċjenza, it-trasparenza u l-kontabbiltà fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja;

WAQT LI JFAKKAR fil-ħolqien tal-metodoloġija "Pjanar Strateġiku, Operattiv u Komprensiv għall-Pulizija" (COSPOL) bħala pjattaforma multilaterali għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi;

KONVINT li l-aħjar mod biex jinkiseb dan l-approċċ huwa bil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja; li tali ċiklu ta' politika jikkorrispondi għall-istrateġija tal-kriminalità organizzata meħtieġa mill-Programm ta' Stokkolma.

¹ Proġett JLS/2008/ISEC/FPA/C4/073

² Dok. 14851/10 COSI 66 ENFOPOL 282 CRIMORG 175 ENFOCUSTOM 87

JIKKONKLUDI LI

1. Jiġi stabbilit u implimentat ċiklu ta' politika pluriennali fir-rigward tal-kriminalità internazzjonali organizzata u serja sabiex it-theddidiet kriminali l-aktar importanti jiġu ttrattati b'mod koerenti u metodoloġiku permezz tal-aħjar kooperazzjoni bejn is-servizzi rilevanti tal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji tal-UE kif ukoll il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet rilevanti.

Iċ-ċiklu ta' politika għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja jikkonsisti minn erba' stadji:

- i. L-iżvilupp tal-politika abbażi ta' Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalita Serja u Organizzata (EU SOCTA) li għandha tipprovdi stampa sħiħa u kompluta tat-theddidiet kriminali li għandhom impatt fuq l-Unjoni Ewropea.
 - ii. L-istabbiliment tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-identifikazzjoni mill-Kunsill ta' għadd limitat ta' prijoritajiet, kemm reġjonali kif ukoll pan-Ewropej. Għal kull waħda mill-projoritajiet jeħtieġ li jiġi żviluppat Pjan Strateġiku Pluriennali (MASP) sabiex jinkiseb approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali (li jkopri miżuri preventivi kif ukoll repressivi) biex it-theddidiet prijoritizzati jiġu indirizzati b'mod effettiv.
 - iii. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operattivi annwali (OAP) li jeħtieġu jiġu allinjati mal-miri strateġiċi li ġew iddeterminati fil-MASP, abbażi tal-qafas tal-COSPOL bħala l-pattaforma ta' kooperazzjoni multilaterali biex jiġu indirizzati t-theddidiet prijoritizzati.
 - iv. Fi tmiem iċ-ċiklu ta' politika jeħtieġ issir evalwazzjoni bir-reqqa u din ser isservi bħala kontribut għaċ-ċiklu ta' politika li jmiss.
2. Jiġu allinjati ż-żmien u l-metodoloġija meta fil-futur ikollhom jinħolqu ċikli ta' politika oħrajn għal oqsma identifikati fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna sabiex fl-istess ħin ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet fil-livell politiku dwar il-prijoritajiet.

3. Jiġi maqbul u implimentat ċiklu ta' politika inizjali u mqassar ta' sentejn mill-2011 sal-2013 abbażi tal-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Organizzata tal-2011 u skont il-prinċipji kif imniżżlin fl-Annessi 1 u 2. Dan il-perijodu jippermetti ż-żmien meħtieġ biex jiġu żviluppati aktar l-istrumenti meħtieġa għall-ħolqien ta' ċiklu ta' politika komplet ta' 4 snin.
4. Jiġi maqbul, b'kont meħud tar-riżultat tal-evalwazzjoni taċ-ċiklu ta' politika inizjali, li jiġi implimentat ċiklu ta' politika ta' 4 snin mill-2013 sal-2017 abbażi tal-EU SOCTA tal-2013 u skont il-prinċipji kif imniżżlin fl-Anness 3 u 4.

JAGĦTI ISTRUZZJONIJIET BIEX

5. Jiġu maqbula u approvati r-rekwiżiti tal-konsumaturi għall-EU SOCTA,
6. Jiġu ppreżentati lill-Kunsill konklużjonijiet biex jiġi deċiż dwar il-prijoritajiet, abbażi tad-Dokument Konsultattiv tal-Politika abbozzat mill-Presidenza u l-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-OCTA tal-2011 u l-EU SOCTA mill-2013 'il quddiem,
7. Jiġu adottati l-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operattivi u tiġi kkoordinata u ssorveljata l-implimentazzjoni tagħhom.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

8. Kull meta jkun rilevanti jintegraw fl-ippjanar nazzjonali tagħhom l-azzjonijiet żviluppati fiċ-ċiklu ta' politika Ewropew u biex jallokaw riżorsi dedikati bħala appoġġ għall-approċċ komuni tal-UE.
9. Jappoġġaw b'mod attiv il-fażijiet kollha li jikkostitwixxu ċ-ċiklu.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

10. Flimkien mal-esperti tal-Aġenziji tal-UE u l-Istati Membri rilevanti tiżviluppa Pjan Strateġiku Pluriennali għal kull prijorità, li jiddefinixxi l-aktar strateġija adatta biex tiġi ttrattata l-problema,
11. Permezz ta' konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri u tal-Aġenziji tal-UE tiżviluppa mekkaniżmu indipendenti biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-MASP u tal-OAPs,
12. Kull sena tirrapporta lill-COSI dwar l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ippjanati u kwistjonijiet trasversali orizzontali relatati mal-OAPs,
13. Fi tmiem iċ-ċiklu ta' politika twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-MASP u tibgħat ir-riżultati tagħha lill-Kunsill permezz tal-COSI,
14. Tipproponi li jiġi rieżaminat il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-ISEC u li titqies il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' Fond għas-Sigurtà Interna sabiex l-attivitajiet li jsir qbil dwarhom fiċ-ċiklu ta' politika jiġu appoġġati b'mod effettiv.

JAPPELLA LILL-AĠENZIJI TAL-UE BIEX

15. Flimkien mal-esperti tal-Istati Membri jiżviluppaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Operattivi li jikkonċernaw il-prijoritajiet li jikkorrispondu għall-mandat tagħhom;
16. Jintegraw l-azzjonijiet żviluppati fiċ-ċiklu ta' politika fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom;
17. Taħt it-tmexxija tal-Europol jiżviluppaw l-EU SOCTA u l-metodoloġija tagħha, abbażi tar-rekwiżiti approvati mill-COSI u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti rilevanti;
18. Jikkontribwixxu biex iżidu l-għarfien dwar iċ-ċiklu ta' politika tal-UE, b'mod partikolari s-CEPOL billi jipprovdi pakketti ta' taħriġ.

Ċiklu ta' politika 2011 – 2013

(Ċiklu ta' politika inizjali u mqassar għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja)

Kumment preliminari importanti

Waqt li hu rikonoxxut li ċiklu ta' politika komplut ser jibda biss abbażi tal-EU SOCTA tal-2013, l-approċċ li ġej – bħala proċess ta' taġġim għall-ewwel ċiklu ta' politika – ser jiġi segwit abbażi tal-OCTA tal-2011:

- L-istabbiliment ta' miri strateġiċi mill-grupp ta' esperti tal-Istati Membri u l-Aġenziji skont il-qasam ta' prijorità tal-kriminalità (ikkummissjonat mill-COSI) minflok l-elaborazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi pluriennali kompluti;
- Il-konverżjoni tal-oġġettivi strateġiċi fi pjanijiet operattivi fil-qafas tal-COSPOL bl-użu tal-mudell li għandu jiġi żviluppat (ara l-attività 6);
- Żmien ta' sentejn (minflok ta' erba' snin għaċ-ċiklu ta' politika) biex jiġi kopert il-perijodu bejn l-OCTA tal-2011 u l-EU SOCTA tal-2013;
- L-approċċ biex jiġu indirizzati l-oqsma ta' prijorità tal-kriminalità ser jiġi organizzat fil-qafas (rieżaminat) tal-COSPOL (ara l-attività 13) li jiffoka prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-infurzar tal-liġi, minflok approċċ integrat.

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Atturi responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti^{1 2}	Skeda ta' żmien
1.	Stabbiliment ta' Bord Konsultattiv, ospitat mill-Europol, bħala grupp ta' esperti tal-COSI għat-tnejn tar-rekwiżiti tal-konsumaturi għall-EU SOCTA	COSI	KE l-Istati Membri Europol & Aġenziji oħra	Qabel l-aħħar tal-2010
2.	Qbil dwar ir-rekwiżiti tal-konsumaturi għall-(ewwel) EU SOCTA	COSI	KE l-Istati Membri Europol & Aġenziji oħra	Bidu tal-2011


¹ Waqt li titqies l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, meta u fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu wkoll involuti partijiet terzi.

² Meta ssir referenza għall-"grupp ta' esperti" għandu jiġi nnotat li dawn il-grupp ta' esperti mhumiex maħsubin biex isiru strutturi ta' ħidma permanenti u formali tal-Kunsill u jeħtieġ li jitqiesu bħala laqgħat flessibbli u temporanji.

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Atturi responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
3.	Elaborazzjoni tal-metodoloġija għar-rapportar dwar theddidiet li jirriżultaw (u l-produzzjoni ta' rapport dwar theddidiet li jirriżultaw meta jkun meħtieġ)	Europol	Grupp ta' esperti tal-Bord Konsultattiv tal-Istati Membri & l-Aġenziji	Mill-2011 'il quddiem
4.	Żvilupp ta' metodoloġija ġdida għall-EU SOCTA f'konformità mar-rekwiżiti identifikati tal-konsumaturi	Europol	Grupp ta' esperti tal-Istati Membri & l-Aġenziji	Mill-2011 'il quddiem
5.	Rieżami tat-termini ta' referenza tal-COSPOL, inkluża l-konsiderazzjoni tal-possibbiltà għal finanzjament tal-proġetti mill-KE	COSI KE	Stati Membri Aġenziji	It-tieni nofs tal-2010
6.	Żvilupp tal-mudell tal-pjan ta' azzjoni operattiv li għandu jiġi ppreżentat lill-COSI.	Europol	Aġenziji Sewwieqa ta' esperjenza tal-COSPOL Stati Membri	Qabel nofs l-2011
7.	Produzzjoni tal-OCTA tal-2011	Europol	Stati Membri Aġenziji	Marzu 2011
8.	Produzzjoni ta' sommarju eżekuttiv tal-OCTA inklużi konklużjonijiet u lista ta' prijoritajiet rakkomandati rigward il-kriminalità	Europol		Marzu 2011
9.	- produzzjoni tad-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika - abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-ĠAI rigward il-kriminalità	COSI flimkien mal-KE COSI		April 2011
10.	Deċiżjoni politika dwar il-prijoritajiet tal-ĠAI rigward il-kriminalità	Kunsill		Mejju 2011
11.	Identifikazzjoni tal-atturi rilevanti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jistabbilixxu miri strateġiċi li jkopru l-perijodu mill-2011 sal-2013 b'enfasi prinċipali fuq l-attivitajiet tal-LEA skont il-qasam ta' prijorità tal-kriminalità deċiż mill-Kunsill	COSI	KE Aġenziji Stati Membri	Ġunju 2011
12.	Diskussjoni dwar il-miri strateġiċi ta' sentejn u l-adozzjoni tagħhom, inkluża l-assenjazzjoni ta' kompiti lill-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti	COSI	Stati Membri KE Aġenziji	Ottubru 2011

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Atturi responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
13.	Konverżjoni tal-miri strateġiċi fi pjanijiet operattivi annwali skont il-mudell żviluppat	Stati Membri Aġenziji		Ottubru – Diċembru 2011 (b'repetizzjoni annwali)
14.	Validazzjoni ta' kull pjan ta' azzjoni operattiv	COSI	Stati Membri Aġenziji	L-aħħar tal- 2011 (b'repetizzjoni annwali)
15.	Elaborazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ġbir ta' rappurtar għall-COSI li jintegra r-rappurtar tal-Istati Membri u l-Aġenziji (għall-Awtorijiet ta' Sorveljanza rispettivi tagħhom)	KE	Stati Membri Aġenziji	L-aħħar tal- 2011
16.	Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni operattivi għall-2012 / 2013 inkluż progress ta' monitoraġġ ta' sitt xhur mill-COSI	Sewwieqa tal- Istati Membri Aġenziji	COSI	Bidu fl-2012 – sal-aħħar tal- 2013
17.	Validazzjoni formali tal-metodoloġija tal-EU SOCTA	COSI		Mejju/Ġunju 2012
18.	Evalwazzjoni tal-funzjonament tal-qafas (rieżaminat) tal-COSPOL bil-ħsieb li jittejjeb aktar bħala l-pjattaforma għal kooperazzjoni multilaterali biex jiġu implimentati l-pjanijiet strateġiċi pluriennali	COSI KE	Stati Membri Aġenziji	L-aħħar tal- 2012
19.	Abbażi tal-mekkaniżmu ta' rappurtar fil-punt 15, sitwazzjoni attwali annwali għall-COSI, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ippjanati u kwistjonijiet trasversali orizzontali	KE	COSI	Bidu tal-2013 (b'repetizzjoni annwali)
20.	Evalwazzjoni tal-lezzjonijiet meħudin mill-ewwel ċiklu ta' politika ta' sentejn sabiex dawn jiġu integrati fiċ-ċiklu ta' politika li jmiss	COSI	Stati Membri KE Aġenziji	Bidu tal-2013
21.	Żvilupp u għoti ta' pakkett ta' taħriġ/għarfien dwar il-qafas (rieżaminat) tal-COSPOL (ara l-attività 5)	CEPOL	Stati Membri Aġenziji	2011 – 2013
22.	Konsiderazzjoni ta' aktar miżuri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-	KE COSI	Stati Membri	Mill-2011 'il quddiem

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Atturi responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
	Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali tal-Istati Membri allinjati mal-ECIM			
23.	Konsiderazzjoni tal-allinjament tal-finanzjament tal-ISEC maċ-ċiklu ta' politika u l-prijoritajiet identifikati	KE	Stati Membri Aġenziji	Mill-2011 'il quddiem
24.	Għoti ta' pakkett ta' taħriġ tal-ECIM/ILP u l-allinjament tiegħu maċ-Ċiklu ta' Politika Ewropew	CEPOL	Stati Membri Aġenziji KE	2011
25.	Żvilupp u għoti ta' pakkett ta' taħriġ/għarfien biex l-Istati Membri jiġu appoġġati aktar fl-implimentazzjoni ta' Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali	CEPOL	Stati Membri Aġenziji	Mill-2011 'il quddiem



Policy Cycle 2011-2013

Ċiklu ta' politika 2013 – 2017
(Ċiklu ta' politika komplut għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja)

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti^{1 2}	Skeda ta' żmien
26.	Produzzjoni tal-ewwel EU SOCTA skont l-attivitajiet 1, 2 u 4 fiċ-ċiklu ta' politika 2011 – 2013 (Bord Konsultattiv, rekwiżiti u metodoloġija)	Europol	L-atturi rilevanti kollha	Marzu 2013
27.	Produzzjoni ta' sommarju eżekuttiv tal-EU SOCTA, inklużi konklużjonijiet u lista ta' prijoritajiet rakkomandati rigward il-kriminalità	Europol		Marzu 2013
28.	Elaborazzjoni tal-metodoloġija tal-Valutazzjoni Interim tal-UE	Europol	Grupp ta' esperti tal-Istati Membri & l-Aġenziji Bord Konsultattiv	2013 – 2014
29.	Aktar żvilupp tal-metodoloġija għar-rappurtar dwar theddidiet li jirriżultaw	Europol	Grupp ta' esperti tal-Istati Membri & l-Aġenziji Bord Konsultattiv	2014 - 2017
30.	- produzzjoni tad-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika - abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-ĠAI rigward il-kriminalità	COSI flimkien mal-KE COSI		April 2013
31.	Deċiżjoni politika dwar il-prijoritajiet tal-ĠAI rigward il-kriminalità	Kunsill		Mejju 2013
32.	Identifikazzjoni tal-atturi rilevanti fil-livell tal-UE u l-Istati Membri biex jabbozzaw pjanijiet strateġiċi pluriennali skont il-qasam ta' prijorità tal-kriminalità deċiż mill-Kunsill	COSI	KE Aġenziji Stati Membri	Ġunju 2013

¹ Waqt li titqies l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, meta u fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu wkoll involuti partijiet terzi.


² **Meta ssir referenza għall-"gruppi ta' esperti" għandu jiġi nnotat li dawn il-gruppi ta' esperti mhumiex maħsubin biex isiru strutturi ta' ħidma permanenti u formali tal-Kunsill u jteħtieġ li jitqiesu bħala laqgħat flessibbli u temporanji.**

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti ^{1 2}	Skeda ta' żmien
33.	Elaborazzjoni ta' pjanijiet strateġiċi pluriennali abbozzati bl-elaborazzjoni ta' soluzzjonijiet konkreti orjentati lejn il-problemi biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet rigward il-kriminalità, inklużi indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin biex jitkejjel il-progress fil-kisbiet	Gruppi ta' esperti tal-Istati Membri u l-Aġenziji kkoordinati mill-KE		Ġunju - Settembru 2013
34.	Diskussjoni dwar il-pjanijiet strateġiċi pluriennali u l-adozzjoni tagħhom, inkluża l-assenjazzjoni ta' kompiti lill-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti	COSI	Stati Membri KE Aġenziji	Ottubru 2013
35.	Konverżjoni ta' kull pjan strateġiku pluriennali fi pjan operattiv annwali skont il-mudell żviluppat	Stati Membri Aġenziji		Ottubru - Diċembru 2013 (b'repetizzjoni annwali)
36.	Validazzjoni ta' kull pjan ta' azzjoni operattiv	COSI	Stati Membri Aġenziji	bidu mill-2014 (b'repetizzjoni annwali)
37.	Implimentazzjoni tal-pjanijiet operattivi annwali inkluż progress ta' monitoraġġ ta' sitt xhur mill-COSI	Sewwieqa tal-Istati Membri Aġenziji	COSI	Bidu fl-2014 – sal-aħħar tal-2017
38.	Allinjament tal-finanzjament tal-ISEC u/jew tal-Fond għas-Sigurtà Interna mal-pjanijiet strateġiċi pluriennali u l-pjanijiet operattivi annwali	KE	Stati Membri	2013 - 2017 Fond tal-ISS (mill-2014 'il quddiem)
39.	Abbażi tal-mekkaniżmu ta' rappurtar fil-punt 15, sitwazzjoni attwali annwali għall-COSI, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ippjanati u kwistjonijiet trasversali orizzontali	KE	COSI	Bidu tal-2015 (b'repetizzjoni annwali)
40	Produzzjoni tal-valutazzjoni interim tal-UE	Europol	L-atturi rilevanti kollha	Marzu 2015

¹ Waqt li titqies l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, meta u fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu wkoll involuti partijiet terzi.

² **Meta ssir referenza għall-"gruppi ta' esperti" għandu jiġi nnotat li dawn il-gruppi ta' esperti mhumiex maħsubin biex isiru strutturi ta' ħidma permanenti u formali tal-Kunsill u jeħtieġ li jitqiesu bħala laqgħat flessibbli u temporanji.**

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
41	Rieżami, jekk meħtiegħ, tal-pjanijiet strateġiċi pluriennali	COSI		Ottubru 2015
42.	Elaborazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni indipendenti	KE Stati Membri	Aġenziji COSI	2015
43.	Bidu ta' evalwazzjoni indipendenti	KE	Stati Membri Aġenziji COSI	2016
44.	Rappurtar tal-eżitu tal-evalwazzjoni indipendenti lill-Kunsill ĠAI	KE	Stati Membri Aġenziji COSI GENVAL	Marzu 2017
45.	Evalwazzjoni tal-lezzjonijiet meħudin miċ-ċiklu ta' politika sabiex dawn jiġu integrati fiċ-ċiklu ta' politika li jmiss	COSI	Stati Membri KE Aġenziji GENVAL	It-tieni nofs tal-2017
46.	Pakketti ta' taħriġ u għarfien emendati dwar il-qafas (rieżaminat) tal-COSPOL, abbażi tal-evalwazzjoni tal-2012 (ara l-attività 18)	CEPOL	Stati Membri Aġenziji	2014 – 2017
47.	Finanzjament bħala inċentiv għal "prattiki tajbin" ta' Armonija	KE	Stati Membri Aġenziji	Mill-2014 'il quddiem
48	Ġbir ta' "prattiki tajbin"/lezzjonijiet meħudin għall-implimentazzjoni ta' Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali tal-Istati Membri allinjati mal-ECIM	Europol	Stati Membri Aġenziji COSI	Mill-2011 'il quddiem
(22 iko mpli)	Konsiderazzjoni ta' aktar miżuri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali tal-Istati Membri allinjati mal-ECIM	KE	Stati Membri	Mill-2011 'il quddiem
(24 iko mpli)	Għoti ta' pakkett ta' taħriġ tal-ECIM/ILP u l-allinjament tiegħu maċ-Ċiklu ta' Politika Ewropew	CEPOL	Stati Membri Aġenziji KE	2011
(25 iko mpli)	Żvilupp u għoti ta' pakketti ta' taħriġ/għarfien biex l-Istati Membri jiġu appoġġati aktar fl-implimentazzjoni ta' Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali	CEPOL	Stati Membri Aġenziji	Mill-2011 'il quddiem



Policy Cycle 2013-2017